# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023**

**Numru 6**

**Rikors Numru 396/2020/2**

**Joseph Filletti, K.I. 0236036M, f'ismu proprju u bħala eredi universali ta' martu Emmanuela Filletti, K.I. 0760136M**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Limited, C30053**

**Il-Qorti:**

Rat is-Sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet premessi;

Rat ir-rikors ta' Joseph Filletti tad-9 ta' Frar, 2023 magħmul ai termini tal-artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Rat ir-risposta tas-soċjeta' GlobalCapital Financial Management Limited tat-8 ta' Marzu, 2023;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li l-vertenza tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors fuq imsemmi l-konvenuti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tipprovdi u tiddeċiedi għall-kap tal-ispejjes fis-Sentenza fuq imsemmija.

L-azzjoni hija impernjata fuq artikolu 235 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu din il-Qorti ommettiet milli tiddeċiedi xi waħda mit-talbiet u cioe' *ab ommissa decisione*.

Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:*

*Il-partijiet jistgħu jitolbu l-ewwel qorti li taqta' t-talba mhux maqtugħa b'rikors fi żmien ħmistax il-jum, Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, warali l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jewminn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:*

*jew b'rikors ġuramentat f'kull żmien li jkun. Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-*

*mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża".* (Emfażi tal-Qorti)

Għalhekk sabiex din il-parti tal-liġi tkun applikabbli jridu jirrikorru s-segwenti:-

1. Li talba tassew ma tkunx ġiet deċiża;

2. Li t-talba għad-deċiżjoni ommessa issir b'rikors minn parti għal kawża; u

3. Li dan ir-rikors isir fi żmien 15-il ġurnata minn meta tingħata s-Sentenza.

Jirrisulta, li din il-Qorti ammettiet lis-sur Paul Bonello bħala xhud u li għandu jkun meqjus bħala espert ai fini tal-artikolu 563A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta jiġri hekk din il-Qorti tqies li dan ikun ukoll intitolat għad-drittijiet dovuti lil perit jew espert maħtur mill-Qorti. Pero' dawn id-drittijiet għandhom ikunu bl-istess mod li jiġu intaxxati mir-Reġistru għall-periti u esperti maħtura mill-Qorti u mhux b'kemm jitħallsu jew tħallsu privatament. Għalhekk dawn l-ispejjes għandhom jitħallsu mill-parti telliefa jew kif mod ieħor tkun ordnat il-Qorti.

Issa l-Artikolu 223 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "Kull sentenza definittiva **għandha tikkundanna** lit-tellief għall-ispejjes". Dan ifisser li għalkemm ma jkunx hemm talba speċifika għall-ħs ta' Perit, fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti hija impliċitament intiża daqs

li kieku intalbet espressament partikularment meta tkun il-Qorti stess li qieset li xhud jitqies bħala espert tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi fil-waqt li tikkonferma s-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, tordna li d-drittijiet ta' Paul Bonello qua espert tal-Qorti u kif intaxxati skont il-liġi, għandhom jitħallsu fil-proporzjon kif diġa' deċiż fis-Sentenza fuq imsemmija. Cioe' kwantu għal tlieta partijiet minn ħamsa ($^{3}/_{5}$) mis-Soċjeta' Konvenuta u kwantu għar-rimanenti żewġ partijiet minn ħamsa ($^{2}/_{5}$) mill-Attur.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss, li la darba din il-proċedura ġiet preċipitata minħabba żball tal-Qorti, il-partijiet qed ikunu eżentati milli jħallsu kwalunkwe spejjes tar-Reġistru. Kwantu għad-drittijiet rispettivi tal-konsulenti, kull parti isoffri l-ispejjes tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**